**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 441/2015 AL

AB

Vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi r-rikorrenti u l-intimat kienu zzewgu nhar it-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000);
2. Illi r-rikorrenti u l-intimat dahlu f'kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana datat tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u hdax (2011), liema kuntratt kien gie awtorizzat minn din il- Qorti permezz ta' digriet datat disgha (9) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hdax (2011), kopja ta' liema kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A.
3. Illi r-rikorrenti tixtieq illi z-zwieg taghha mal-intimat jigi mahlul, u tiddikjara:

a. Illi ghaddew izjed minn erba` (4) snin minn meta hija u l-intimat isseparaw legalment;
b. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
c. Illi l-partijiet diga` rrinuzjaw fil-kuntratt ta' separazzjoni ghal kull dritt ta' manteniment li seta` kellhom fil-konfront ta' xulxin;
d. Illi l-partijiet jaqblu illi m'hemmx tfal minuri miz-zwieg taghhom, u kwindi l-ebda obbligu ta' manteniment ma jezisti lejn minuri minn dan iz-zwieg.

4. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti hija tal-umli opinjoni li jissussistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex din il-qorti tholl iz-zwieg ta' bejnha u ta' bejn l-intimat u taghti digriet ta' divorzju skont il-ligi.

Talbet illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a) Joghgobha tholl iz-zwieg taghha mal-intimat u taghti digriet ta' divorzju skont il-ligi; u
b) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javża d-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tar-rikorrenti u l-intimat sabiex dan jiġi reġistrat fir-Registru Pubbliku.

Salv kull provvediment iehor li din il-qorti jidrilha xieraq u opportun;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat li permezz taghha eccepixxa :

1) Illi fl-ewwel lok, l-esponenti zzewweg lir-rikorrenti fit-3 ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) u konsegwentement huma isseparaw fit-22 ta' Settembru tas-sena 2011, permezz ta' kuntratt ta' firda personali fl-atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana;
2) Illi fit-tieni lok, minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal, u kwindi m'hemmx kwistjonijiet li jikkoncernaw manteniment ta' minuri;
3) Illi fit-tielet lok l-esponenti jikkonferma wkoll li l-partijiet ilhom aktar minn erba' (4) snin legalment separati;

4) Illi fir-raba' lok l-esponenti jiddikjara wkoll li m'ghad hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni bejn l-istess partijiet;
5) Illi fil-hames lok in kwantu referibbli ghall-obbligu ta' manteniment versu l-partijiet, lanqas m'hemm ebda eccezzjoni x'wiehed jissoleva stante li l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment fil-kuntratt tal-firda personali;
6) Illi l-esponenti jaqbel anke mal-kontenut u t-talbiet promoturi u cioe' da parti tieghu jiddikjara li huwa favur li z-zwieg de quo jigi xolt permezz ta' divorzju;
7) Illi, pero', l-esponenti jhoss illi m'ghandux ibaghti l-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Daqstant ghandu l-esponenti x'jossottometti ghas-savju gudizzju ta' din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru, 2015;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Settembru 2011 u ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur

tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.